ŻEBBUĠ

**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 19/2011**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 19 ta' Settembru 2011**

**Ħin: Fil-4.45 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emanuel Debono – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Il-Kav. Carmelo Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Iċ-Chairperson qalet sejħet din il-laqgħa biex ikunu diskussa u deċiżi l-attivitajiet li ser isiru ġewwa Marsalforn il-*weekend* ta' bejn it-23 u l-25 ta' Settembru 2011.

Wara diskussjoni fit-tul, il-Kumitat unanimament qabel li jorganizza dawn l-attivitajiet.

- il-Ġimgħa 23 ta' Settembru fis-7.30pm

  It-tieġ l-antik mill-grupp Folk tal-Qala (il-ħlas għas-servizz tagħhom €500). Jitilqu minn ħdejn il-Kartell Restaurant, jimxu tul il-*promenade* ta' Marsalforn għall-Menqa u wara fuq iz-zuntier tal-Knisja.
  Dritt wara, serata folkloristika Maltija bil-parteċipazzjoni ta' għannejja fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.
  Il-Kumitat ftiehem li jordna lil Richard Cauchi jipprovdi bi *floodlight* għall-attivita'.

- Il-Ħadd 25 ta' Settembru mit-8.00pm sal-10.30pm

  Marċ mat-toroq ta' Marsalforn mill-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ. Il-marċ jitlaq minn quddiem l-Electra Guesthouse, jimxi Triq il-Munġbell u Triq il-Qbajjar, idur għal Triq il-Forn, Triq il-Port u jispiċċa l-Menqa.

Il-Kumitat iddeċieda li jagħti *drink* lill-bandisti mingħand Ekxa Kiosk.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***